MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 2594/2002

**John u Carmen konjugi Borg**

**vs**

**Grezzju u Adriana konjugi Veneziani**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta` Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta` disa` mitt lira (Lm900) illum ekwivalenti ghal elfejn u sitta u disghin euro u erbgha u erbghin euro centezmi (€2,096.44c), rapprezentanti danni sofferti fil-fond ta` l-atturi “Elemar”, Triq Caravaggio, Gharghur waqt il-kors ta` xogholijiet strutturali ezekwiti mill-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 9 ta` Jannar, 2003 fejn ikkontestaw it-talba attrici fis-sens illi jaffermaw li l-hsara kienet konsistenti biss f'konsenturi hfief u l-atturi rrifjutaw l-offerta tal-konvenuti u ghahekk l-ammont mitlub ta` Lm900, bhala danni ghandu jigi ppruvat. Il-konvenuti ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta` l-istess.

B’riserva ghal risposti ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Gie ezaminat ukoll ir-rapport tal-Perit tekniku nominat minn dan it-Tribunal u kif ukoll ir-risposti li huwa ta bil-miktub in eskussjoni.

Ezamina n-noti ta` osservazzjonijiet prezentati mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom ghal dak li jirrigwarda il-kwantum tal-hsarat fuq stima peritali *ex parte* maghmula mill-Perit Rita Grech datata 14 ta` Ottubru, 2002, Dok. EG 1, a fol. 11 tal-process. Il-hsara lamentata ma tidhirx li kienet ezistenti qabel ma nbdew ix-xogholijiet skond ma kif jirrizulta minn *condition report* maghmul mill-Perit Gatt datat 19 ta` Settembru, 2001, a fol. 12 tal-process. Dan ic-certifikat gie kkonfermat bil-gurament mill-istess perit arkitett. Huwa jikkonferma li kien ra l-fond ta` l-atturi ghalkemm l-ispezzjoni proprja biex hareg ic-certifkat ezebit kienet saret minn impjegat tieghu certu Arthur Calleja. Jafferma wkoll li l-parti l-kbira tal-hsarat fil-fond ta` l-atturi kienet tinstab fil-hajt ta` l-appogg. Arthur Calleja kkonferma l-kontenut tar-rapport maghmul mill-Perit Rita Grech peress illi l-kalkoli kien ghamilhom hu stess *qua draughtsman,* liema kalkoli jidhru spjegati b'aktar dettal fuq id-dokument ezebit minnu a fol. 31 et seq tal-process Dok. AC1.

L-attrici Carmen Borg tiddeskrivi l-hsarat sofferti bhala konsenturi – bieb tal-bejt li ma baqax jinghalaq - u parapett maqsum.  Din il-hsara saret waqt li l-konvenuti kienu qed jaghmlu xoghol ta` thaffir u twaqqiegh ta` hitan fil-fond adjacenti. Hija tallega li x-xoghol sar b'makna kbira msejha JCB. Qabel ma beda x-xoghol, il-fond taghha kien gie spezzjonat minn periti taz-zewg nahat li kkonstataw li kien fi stat tajjeb ta` manutenzjoni mentri meta regghet gabet il-perit taghha wara li tlesta x-xoghol, irrizultaw certi hsarat li ma kienux hemm qabel. Tafferma wkoll illi minhabba tali hsarat, kien dahalha l-ilma fix-xitwa u sofriet minn mudita`. Hija tichad li kienet saritilha offerta mill-konvenuti biex igibu lil xi hadd tas-sengha isewwielha.

Maria Borg, bint l-attrici tikkonferma li l-istat tad-dar ta` ommha kienet perfetta qabel ma bdew ix-xogholijiet fil-waqt li meta tlestaw zviluppaw diversi konsenturi u l-bieb tal-bejt ma jinghalaqx.

Illi skond ir-relazzjoni tal-espert tekniku Valerio Schembri pprezentata fid-29 ta` Ottubru, 2003, huwa wasal biex jistima l-valur tal-hsarat kawzati fil-fond ta` l-atturi u ndikati mill-istess atturi fl-ammont ta` Lm823.65c. Il-hsarat indikati gew ilkoll fotografati mill-istess perit u jinsabu fil-process mar-rapport tieghu.

L-istess perit tekniku ghamel rapport addizzjonali fuq inkarigu tat-Tribunal wara li huwa kien wiegeb ghal domandi bil-miktub maghmula mill-konsulent legali tal-konvenuti. F'dan it-tieni rapport tieghu pprezentat fil-15 ta` Gunju, 2007, huwa kkonkluda wara li ghamel diversi kostatazzjonijiet, illi l-valur tal-hsarat li jistghu jigu attribwiti ghal xogholijiet ezekwiti mill-konvenuti, jammontaw ghal Lm687.21c. Fir-risposti li l-perit tekniku ta bil-miktub minn domandi lilu maghmula in eskussjoni mill-konsulent legali tal-konvenuti, ma jidhirx li dawn b'xi mod setghu affettwaw il-konkluzzjonijiet li hu wasal ghalihom fir-rapport addizzjonali.

Illi kemm mill-provi prodotti u kif ukoll mir-rizultanzi peritali dan it-Tribunal ma ghandu ebda dubbju li l-hsarat riskontrati fil-fond ta` l-atturi kienu kawzati direttament

mix-xogholijiet ezekwiti fuq il-fond tal-konvenuti u ma jara ebda raguni valida il-ghala ma ghandux jistrieh fuq l-istess konkluzzjonijiet peritali nkluz dawk fejn jirrigwardaw il-kwantum tal-hsarat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa` t-talba attrici b'dan illi l-ammont tad-danni subiti qed jigi likwidat fl-ammont ta` Euro 1,600.76c u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lil-atturi s-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Euro 1,600.76c, bl-imghaxjiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------